

III

(Atti preparatorji)

IL-QORTI TAL-AWDITURI

OPINJONI Nru 11/2020*(skont l-Artikoli 287(4) u 322(2) TFUE)*

dwar l-Abbozz ta' Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) li jemenda r-Regolament (KEE, Euratom) Nru 1553/89 dwar l-arranġamenti uniformi definittivi għall-ġbir ta' riżorsi proprji li jakkumulaw mit-taxxa tal-valur miżjud (id-dokument 12 771/20, il-fajl interistituzzjonali 2018/0133 (NLE))

*(2021/C 26/01)***WERREJ**

	<i>Paragrafu</i>	<i>Paġna</i>
Sommarju	I-V	3
Introduzzjoni	1-5	3
Osservazzjonijiet	6-39	4
Kalkolu tad-dħul totali nett mill-VAT u tal-bażijiet tagħha	15-19	6
Kalkolu tal-WAR pluriennali definittiva	20-27	7
Sottomissjoni tad-dikjarazzjonijiet tal-VAT u l-proċedura ta' rieżaminar	28-34	8
Rappurtar dwar il-funzjonament tas-sistema tar-riżorsi proprji bbażati fuq il-VAT	35-39	8
Konklużjoni	40-43	9
ANNEX		10

IL-QORTI TAL-AWDITURI TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 287(4) u 322(2) tiegħu,

Wara li kkunsidrat l-Abbozz ta' Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) li jemenda r-Regolament (KEE, Euratom) Nru 1553/89 tad-29 ta' Mejju 1989 dwar l-arranġamenti uniformi definittivi għall-ġbir ta' riżorsi proprji li jakkumulaw mit-taxxa tal-valur miżjud (id-dokument 12 771/20, il-fajl interistituzzjonali 2018/0133 (NLE)),

Wara li kkunsidrat il-proposta għal Regolament tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (KEE, Euratom) Nru 1553/89 tad-29 ta' Mejju 1989 dwar l-arranġamenti uniformi definittivi għall-ġbir ta' riżorsi nfushom li jidħol mit-taxxa fuq il-valur miżjud (COM (2018) 328 final),

Wara li kkunsidrat it-talba tal-Kunsill għal opinjoni, li waslet fil-11 ta' Novembru 2020,

Wara li kkunsidrat id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2014/335/UE, Euratom tas-26 ta' Mejju 2014 dwar is-sistema tar-riżorsi proprji tal-Unjoni Ewropea ⁽¹⁾,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE, Euratom) Nru 1553/89 tad-29 ta' Mejju 1989 dwar l-arranġamenti uniformi definittivi għall-ġbir ta' riżorsi proprji li jakkumulaw mit-taxxa tal-valur miżjud ⁽²⁾, kif emendat l-aħħar bir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 807/2003 tal-14 ta' April 2003 ⁽³⁾,

Wara li kkunsidrat l-opinjoni preċedenti mogħtija mill-Qorti Ewropea tal-Awdituri dwar is-sistema tar-riżorsi proprji tal-UE, b'mod partikolari l-Opinjoni Nru 5/2018 ⁽⁴⁾.

Wara li kkunsidrat ir-rapport finali u r-rakkomandazzjonijiet tal-Grupp ta' Livell Għoli rigward ir-Riżorsi Proprji (HLGOR) dwar il-finanzjament futur tal-UE, dokument li nħareġ f'Diċembru 2016 ⁽⁵⁾.

Billi:

1. Il-Kunsill Ewropew tal-24 u tal-25 ta' Marzu 1999 ikkonkluda ⁽⁶⁾, fost affarijiet oħra, li jenħtieġ li s-sistema tar-riżorsi proprji tal-UE tkun ekwa, trasparenti, kosteffettiva u sempliċi, u li trid tkun ibbażata fuq kriterji li jesprimu bl-aħjar mod il-kapaċità ta' kull Stat Membru li jikkontribwixxi;
2. Fil-laqgħa tiegħu ta' Frar 2013, il-Kunsill Ewropew appella biex tkompli ssir ħidma fuq il-proposta tal-Kummissjoni għal riżorsa proprja ġdida bbażata fuq it-Taxxa fuq il-Valur Miżjud (VAT) biex tkun sempliċi u trasparenti kemm jista' jkun, biex tissaħħaħ ir-rabta bejn il-politika tal-UE dwar il-VAT u l-entrati reali tal-VAT, u biex jiġi żgurat trattament ugwali għal dawk li jħallsu t-taxxi fl-Istati Membri kollha ⁽⁷⁾;
3. Id-Dokument ta' Riflessjoni tal-Kummissjoni dwar il-futur tal-finanzi tal-UE ⁽⁸⁾ enfażizza li l-approċċ attwali għal finanzjament huwa wisq kumpless, opak u mimli b'mekkaniżmi ta' korrezzjoni kumplessi, u li s-sistema jenħtieġ li tkun sempliċi, ġusta u trasparenti;
4. Ir-riżoluzzjoni dwar ir-riforma tas-sistema tar-riżorsi proprji tal-UE, li ġiet adottata mill-Parlament Ewropew f'Marzu 2018, enfazizzat xi nuqqasijiet fil-mod kif il-baġit tal-UE jiġi attwalment iffinanzjat u appellat biex isiru riformi estensivi ⁽⁹⁾;
5. Permezz tar-riżoluzzjoni dwar il-qafas finanzjarju pluriennali (QFP) 2021-2027 adottata mill-Parlament Ewropew f'Ottubru 2019, il-kunsens għall-QFP jingħata biss bil-kundizzjoni li titwettaq riforma tas-sistema tar-riżorsi proprji tal-UE, inkluża s-simplifikazzjoni tar-riżorsa proprja bbażata fuq il-VAT ⁽¹⁰⁾;

⁽¹⁾ ĠU L 168, 7.6.2014, p. 105.

⁽²⁾ ĠU L 155, 7.6.1989, p. 9.

⁽³⁾ ĠU L 122, 16.5.2003, p. 36.

⁽⁴⁾ L-Opinjoni Nru 5/2018 (ĠU C 431, 29.11.2018, p. 1), Nru 7/2015 (ĠU C 5, 8.1.2016, p. 1), Nru 7/2014 (ĠU C 459, 19.12.2014, p. 1), Nru 2/2012 (ĠU C 112, 18.4.2012, p. 1), Nru 2/2008 (ĠU C 192, 29.7.2008, p. 1), Nru 2/2006 (ĠU C 203, 25.8.2006, p. 50), Nru 4/2005 (ĠU C 167, 7.7.2005, p. 1) u Nru 7/2003 (ĠU C 318, 30.12.2003, p. 1).

⁽⁵⁾ Future Financing of the EU - Final report and recommendations of the High Level Group on Own Resources (HLGOR) on the future financing of the EU, li nhareg f'Diċembru 2016.

⁽⁶⁾ Ara l-Bullettin UE 3-1999.

⁽⁷⁾ Il-Konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew fis-7 u fit-8 ta' Frar 2013 (Qafas Finanzjarju Pluriennali) EUCO 37/13.

⁽⁸⁾ COM(2017) 358 final tat-28 ta' Ġunju 2017.

⁽⁹⁾ Ir-Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-14 ta' Marzu 2018 dwar riforma tas-sistema tar-riżorsi proprji tal-Unjoni Ewropea (2017/2053(INI)).

⁽¹⁰⁾ Ir-Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-10 ta' Ottubru 2019 dwar il-qafas finanzjarju pluriennali 2021-2027 u r-riżorsi proprji: wasal iż-żmien li nissodisfaw l-aspettattivi taċ-ċittadini (2019/2833(RSP)).

6. Il-Komunikazzjoni⁽¹⁾ tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew, u lill-Kumitat tar-Reġjuni ta' Mejju 2020 dwar il-baġit tal-UE li jmxxi l-pjan ta' rkupru għall-Ewropa ppreżentat ħarsa ġenerali lejn is-sistema l-ġdida tar-riżorsi proprji (inkluża kontribuzzjoni nazzjonali simplifikata u bbażata fuq il-VAT); u
7. Il-laqgħa tal-Kunsill Ewropew ta' Lulju 2020 ikkonkludiet⁽²⁾ li r-riżorsa proprja attwali bbażata fuq il-VAT se tinbidel bil-metodu alternattiv simplifikat u rfinat tal-Kummissjoni. Għal kull Stat Membru, il-bażi tal-VAT li għandha titqies għal dan l-għan ma għandhiex taqbeż il-50 % tad-Dħul Nazzjonali Gross (ING).

ADOTTAT L-OPINJONI LI ĠEJJA:

SOMMARJU

I Fit-2 ta' Mejju 2018, il-Kummissjoni pproponiet riforma tas-sistema ta' finanzjament tal-UE għall-baġit futur taħt il-qafas finanzjarju pluriennali 2021-2027, inkluża s-simplifikazzjoni tar-riżorsa proprja bbażata fuq il-VAT. Fl-Opinjoni Nru 5/2018 tagħna, aħna kkritikajna s-suppożizzjonijiet użati fil-metodoloġija tal-Kummissjoni kif deskritta fil-proposta. F'Novembru 2020, il-Kunsill ħejja test rivedut tal-abbozz ta' Regolament tiegħu dwar il-kalkolu tar-riżorsa proprja bbażata fuq il-VAT, u talab opinjoni mingħandna. Din l-Opinjoni tiffoka fuq il-metodu l-ġdid propost għall-kalkolu tar-riżorsa proprja bbażata fuq il-VAT.

II Ir-riżorsa proprja bbażata fuq il-VAT kienet tirrappreżenta 11 % tal-baġit tal-UE fl-2019 (EUR 17,8 biljun). Hija tiġi kkalkulata bl-użu ta' bażi taxxabbli li hija komparabbli u armonizzata nozzjonalment fost l-Istati Membri, u tinkiseb permezz tad-diviżjoni tad-dħul nett mill-VAT tagħhom bir-Rata Medja Ponderata korrispondenti.

III Il-proposta tal-Kunsill hija intenzjonata li tissimplifika l-kalkolu, meta mqabbel mal-metodu attwali, permezz tal-eliminazzjoni tal-biċċa l-kbira tal-korrezzjonijiet u l-kumpensi, u permezz tal-introduzzjoni tal-użu ta' Rata Medja Ponderata pluriennali definittiva (iffriżata bil-valur tagħha tal-2016). Hija tinkludi wkoll dispożizzjonijiet emendati dwar is-sottomissjoni tad-dikjarazzjonijiet tal-VAT u l-proċedura ta' rieżaminar, u tintroduċi proċess għar-rappurtar dwar il-funzjonament tar-riżorsa proprja bbażata fuq il-VAT.

IV Aħna nilqgħu l-proposta tal-Kunsill. Fil-fehma tagħna, hija tissimplifika sinifikattivament il-kalkolu tar-riżorsa proprja tal-Istati Membri bbażata fuq il-VAT meta mqabbel mas-sistema attwali. Madankollu, aħna identifikajna r-riskju li r-Rata Medja Ponderata pluriennali definittiva tista' ma tkunx rappreżentattiva għall-Istati Membri kollha.

V Biex titjieb il-proposta attwali, aħna nissuġġerixxu l-introduzzjoni ta' mekkaniżmu għar-rieżaminar tar-Rata Medja Ponderata ffriżata. Huwa mistenni li dan jippermetti kalkolu mill-ġdid għal dawk l-Istati Membri li l-kontribuzzjonijiet tagħhom ibbażati fuq il-VAT ikunu affettwati sinifikattivament mill-użu tagħha minflok ir-Rata Medja Ponderata reali. Jenħtieġ li tali mekkaniżmu jiġi applikat bl-użu ta' ċerti indikaturi skattaturi, u jkun iservi ta' prevenzjoni ta' distorsjonijiet tal-kontribuzzjonijiet ibbażati fuq il-VAT matul il-perjodu tal-qafas finanzjarju pluriennali li jirriżultaw minn bidliet sinifikanti fil-politiki tal-VAT tal-Istati Membri.

INTRODUZZJONI

1 Is-sistema ta' finanzjament għall-baġit tal-UE ilha mill-1988 ma tiġi riformata sinifikattivament. It-tliet kategoriji prinċipali ta' dħul fis-sistema attwali huma: Ir-Riżorsi Proprji Tradizzjonali (RPT), ir-riżorsa proprja bbażata fuq it-Taxxa fuq il-Valur Miżjud (VAT), u r-riżorsa proprja bbażata fuq l-Introjtu Nazzjonali Gross (ING).

2 Fit-2 ta' Mejju 2018, il-Kummissjoni pproponiet riforma tas-sistema ta' finanzjament tal-UE għall-baġit futur taħt il-Qafas Finanzjarju Pluriennali (QFP) 2021-2027. Din kienet tinkludi rieżaminar ta' xi wħud mir-riżorsi proprji eżistenti (inkluża riżorsa proprja bbażata fuq il-VAT issimplifikata); l-introduzzjoni ta' "basket" ta' tliet riżorsi proprji ġodda (ibbażati fuq il-Bażi Komuni Konsolidata għat-Taxxa Korporattiva, l-Iskema tal-Unjoni Ewropea għall-Iskambju ta' Kwoti tal-Emissjonijiet, u l-iskart tal-plastik mill-imbaggġ li mhux qed jiġi riċiklat); l-eliminazzjoni gradwali tal-korrezzjonijiet; u żieda fil-limiti massimi għar-riżorsi proprji⁽¹³⁾.

⁽¹¹⁾ COM(2020) 442 final tas-27 ta' Mejju 2020.

⁽¹²⁾ EUCO 10/20, il-laqgħa speċjali tal-Kunsill Ewropew (fis-17, it-18, id-19, l-20, u l-21 ta' Lulju 2020), konklużjonijiet.

⁽¹³⁾ Il-Proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill dwar is-sistema ta' Riżorsi Proprji tal-Unjoni Ewropea (COM(2018) 325 final), il-Proposta għal Regolament tal-Kunsill dwar il-metodi u l-proċedura għad-disponibbiltà tar-Riżorsi Proprji bbażati fuq Bażi Komuni Konsolidata tat-Taxxa Korporattiva, fuq l-Iskema għall-Iskambju ta' Kwoti tal-Emissjonijiet tal-Unjoni Ewropea u fuq l-iskart tal-plastik mill-imbaggġ li mhux qed jiġi riċiklat, u dwar il-miżuri li jissodisfaw il-ħtiġijiet fi flus kontanti (COM(2018) 326 final); il-Proposta għal Regolament tal-Kunsill li jstabbilixxi miżuri ta' implimentazzjoni għas-sistema tar-Riżorsi Proprji tal-Unjoni Ewropea (COM(2018) 327 final); u l-Proposta għal Regolament tal-Kunsill li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (tal-KEE, u l-Euratom) Nru 1553/89 dwar l-arranġamenti uniformi definittivi għall-ġbir mir-riżorsi nfusom li jidħol mit-taxxa fuq il-valur miżjud (COM/2018/ 328 final).

3 Fl-Opinjoni Nru 5/2018 tagħna, aħna vvalutajna l-proposta għas-sistema ta' finanzjament tal-UE l-ġdida, inklużi t-tliet riżorsi proprji l-ġodda ta' hawn fuq, u sibna li din indirizzat xi wħud mid-dgħufijiet li konna identifikajna fix-xogħol preċedenti tagħna dwar ir-riżorsi proprji. Madankollu, aħna kkonkludajna li s-sistema riformata proposta baqgħet kumplessa.

4 Wara l-proposta tal-Kummissjoni ta' Mejju 2018 dwar ir-riforma tar-riżorsi proprji, sehew bosta negozjati fil-livell tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, kemm dwar il-QFP 2021-2027, kif ukoll dwar is-sistema relatata ta' finanzjament tal-UE. Abbażi tan-negozjati ta' hawn fuq, il-proposta tal-Kummissjoni qed tiġi emendata. Il-proċess tan-negozjar għadu għaddej u l-proposta qed tiġi modifikata f'bosta aspetti.

5 Fir-rigward tar-riżorsa proprja bbażata fuq il-VAT, f'Novembru 2020 il-Kunsill ħejja test rivedut tal-abbozz ta' Regolament tiegħu dwar il-kalkolu ta' din ir-riżorsa proprja (inkluż "metodu alternattiv simplifikat u rfinat"), u talab opinjoni mingħandna. Din l-Opinjoni tiffoka fuq il-metodu alternattiv propost għall-kalkolu tar-riżorsi proprji bbażati fuq il-VAT ⁽¹⁴⁾.

OSSERVAZZONIJIET

6 Ir-riżorsa proprja bbażata fuq il-VAT kienet tirrappreżenta 11 % tal-baġit tal-UE fl-2019 (EUR 17,8 biljun). Hija tinkiseb bl-applikazzjoni ta' rata uniformi ta' ġbir għal "bażi armonizzata tal-VAT". Ir-rata ta' ġbir hija ta' 0.3 % għall-Istati Membri kollha ħlief il-Ġermanja, in-Netherlands u l-Iżvezja, li jibbenefikaw minn rata mnaqqsata ta' 0.15 %.

7 Is-sistema attwali tar-riżorsi proprji bbażati fuq il-VAT tibni fuq bażi taxxabbli li hija komparabbli u armonizzata nozzjonalment fost l-Istati Membri, u tinkiseb permezz tad-diviżjoni tad-dħul mill-VAT aġġustat tagħhom bir-Rata Medja Ponderata (WAR) korrispondenti. Il-**Kaxxa 1** tiddekrivi kif tiġi kkalkulata r-riżorsa proprja bbażata fuq il-VAT skont is-sistema attwali, u kif kieku tiġi kkalkulata skont is-sistema l-ġdida proposta.

Kaxxa 1

Kif tiġi kkalkulata r-riżorsa proprja bbażata fuq il-VAT?

Is-sistema attwali:

Il-metodu għall-kalkolu tar-riżorsi proprji bbażati fuq il-VAT tal-Istati Membri huwa bbażat fuq bażi tal-VAT komparabbli u armonizzata nozzjonalment. Dan isir biex l-għażliet tal-Istati Membri fir-rigward tal-kombinament ta' rata tal-VAT (fi ħdan il-limiti stabbiliti fid-Direttiva tal-VAT) ma jinfluwenzawx il-kontribuzzjonijiet pagabbli tagħhom. Dan il-metodu kumpless jieħu bħala l-punt tat-tluq tiegħu l-ammont tal-VAT li jinġabar minn kull Stat Membru (id-dħul tiegħu) u, wara kull korrezzjoni meħtieġa, jiddividi dan l-ammont bil-WAR (ara l-**Kaxxa 2**). Wara l-introduzzjoni tal-kumpensi addizzjonali, il-baży tal-VAT armonizzata nozzjonalment li tirriżulta tiġi mmultiplikata b'rata fissa ta' ġbir, biex b'hekk tinkiseb il-kontribuzzjoni ta' kull Stat Membru.

Dan il-kalkolu tar-riżorsa proprja bbażata fuq il-VAT huwa spjegat bil-formula li ġejja, li tiġi applikata għal kull Stat Membru u għal kull sena (n):

$$\text{Riżorsa proprja bbażata fuq il-VAT (n)} = \frac{\text{Dħul totali mill-VAT (n) (aġġustat)}}{\text{WAR (n)}} * \text{Rata ta' ġbir}$$

Is-sistema l-ġdida proposta:

Il-Kunsill qed jipproponi li l-WAR tiġi ffrizzata fil-valur tagħha tal-2016 u li tintuża bħala WAR "definittiva" għadurata tal-qafas finanzjarju pluriennali li jmiss. Kif previst fil-proposta tal-Kummissjoni ta' Mejju 2018, il-Kunsill qed jipproponi wkoll l-abolizzjoni tal-korrezzjonijiet u l-kumpensi kollha, ħlief għal żewġ tipi: dawk relatati mal-kamp ta' applikazzjoni territorjali msemmi fl-Artikoli 6 u 7 tad-Direttiva tal-VAT, u dawk relatati mal-ksur ta' dik id-Direttiva.

Il-kalkolu l-ġdid huwa spjegat permezz tal-formula li ġejja, li tiġi applikata għal kull Stat Membru u għal kull sena (n):

$$\text{Riżorsa proprja bbażata fuq il-VAT (n)} = \frac{\text{Dħul totali mill-VAT (n) (aġġustat)}}{\text{WAR 2016}} * \text{Rata ta' ġbir}$$

⁽¹⁴⁾ L-Abbozz ta' Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) li jemenda r-Regolament (KEE, Euratom) Nru 1553/89 dwar l-arranġamenti uniformi definittivi għall-ġbir ta' riżorsi proprji li jakkumulaw mit-taxxa tal-valur miżjud (id-dokument 12 771/20, il-fajl interistituzzjonali 2018/0133 (NLE)).

Fejn:

Ir-riżorsa proprja bbażata fuq il-VAT (n) = l-ammont tal-kontribuzzjoni pagabbli minn Stat Membru fis-sena n.

Dħul totali mill-VAT (n) (aġġustat) = l-ammont ta' VAT totali nett miġbur minn dak l-Istat Membru fis-sena n.

Rata ta' ġbir = il-perċentwal indikat fid-deċiżjoni dwar ir-riżorsi proprji (attwalment 0,3 %).

8 Il-WAR hija kalkolu kumpless imwettaq bl-allokkazzjoni tat-tranżazzjonijiet taxxabbli kollha għar-rata xierqa tal-VAT bl-użu ta' *data* statistika meħuda minn kontijiet nazzjonali li tiġi kkompilata skont is-Sistema Ewropea tal-Kontijiet Ekonomiċi Integrati (SEK) ⁽¹⁵⁾. Il-**Kaxxa 2** turi kif tiġi kkalkulata l-WAR, u tenfasizza d-differenza bejn is-sistema attwali u dik il-ġdida proposta.

Kaxxa 2

Kif tiġi kkalkulata r-Rata Medja Ponderata (WAR)?

Il-WAR tirriżulta minn analiżi statistika tal-kombinament ta' provvisti ta' beni u servizzi, u r-rati tal-VAT applikati fl-Istati Membri kollha. Il-ponderazzjonijiet applikati għat-tranżazzjonijiet taxxabbli kollha sabiex tiġi kkalkulata r-rata medja tal-VAT f'kull Stat Membru jiġu kkalkulati bl-użu ta' *data* mill-kontijiet nazzjonali.

Il-formola għall-kalkolu tal-WAR hija kif ġej:

$$WAR(n) = \text{is-somma ta' } T(i) * R(i),$$

Fejn:

$T(i)$ = il-valur tat-tranżazzjonijiet li għalihom tapplika r-rata tal-VAT i diviż bil-valur aggregat tat-tranżazzjonijiet taxxabbli kollha, u

$R(i)$ = ir-rata tal-VAT i. Ir-rati tal-VAT użati huma dawk applikabbli fis-sena n. Il-ponderazzjonijiet jiġu kkalkulati għas-sena n bl-użu ta' *data* mill-kontijiet nazzjonali għas-sena ta' qabel tal-aħħar (n-2).

Skont is-sistema l-ġdida proposta, il-WAR tkun tiġi kkalkulata għall-2016 u ffriżata. Imbagħad tkun tiġi applikata sabiex tiġi kkalkulata r-riżorsa proprja bbażata fuq il-VAT kull sena mill-2021 'il quddiem. WAR annwali ma tkunx tibqa' tiġi kkalkulata jew spezzjonata u użata għas-sena n, kif inhi taħt is-sistema attwali.

9 Filwaqt li d-dħul mill-VAT miġbur mill-awtoritajiet nazzjonali tat-taxxa huwa l-punt tat-tluq għall-proċess tal-kalkolu, hemm għadd kbir ta' korrezzjonijiet u kumpensi għall-armonizzazzjoni tat-tranżazzjonijiet taxxabbli fost l-Istati Membri. Għalhekk, il-ġestjoni ta' din ir-riżorsa proprja tinvolvi piż amministrattiv sinifikanti kemm għall-Kummissjoni kif ukoll għall-Istati Membri.

10 Kif imsemmi fl-Opinjoni Nru 2/2012 tagħna, f'għadd ta' okkażjonijiet aħna osservajna l-kumplessità tal-kalkolu tar-riżorsa proprja bbażata fuq il-VAT ⁽¹⁶⁾ u n-nuqqas ta' rabta diretta bejn din ir-riżorsa u l-bażi tat-taxxa tagħha. Biex tindirizza dawn id-dgħufijiet, f'Mejju 2018 il-Kummissjoni pproponiet metodu simplifikat għall-kalkolu tar-riżorsa proprja bbażata fuq il-VAT. Dan il-metodu għas-simplifikazzjoni tar-riżorsa proprja bbażata fuq il-VAT għal kull Stat Membru kien jinkludi l-kalkolu tal-bażi bl-użu biss tas-sehem tal-provvisti li kienu b'rata standard fl-Istati Membri kollha.

11 Fl-Opinjoni Nru 5/2018 tagħna, aħna osservajna li l-WAR kumplessa kienet ġiet sostitwita b'rata standard sempliċi fil-proċess tal-kalkolu. Madankollu, aħna sibna li s-suppożizzjonijiet li ntużaw mill-Kummissjoni għall-kalkolu tal-kontribuzzjonijiet simplifikati u bbażati fuq il-VAT ma kinux jaderixxu ma' xi wħud mill-istadji tal-kalkolu tal-metodoloġija deskritti fil-proposta ⁽¹⁷⁾.

⁽¹⁵⁾ Ir-Regolament (UE) Nru 549/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Mejju 2013 dwar is-sistema Ewropea tal-kontijiet nazzjonali u reġjonali fl-Unjoni Ewropea (ĠU L 174, 26.6.2013, p. 1).

⁽¹⁶⁾ Fir-Rapport Annwali 2017 tagħna, aħna rrapportajna dgħufijiet fil-verifikazzjoni mwettqa mill-Kummissjoni tar-riżorsa proprja bbażata fuq il-VAT, b'mod notevoli fir-rigward tal-kalkolu tal-WAR.

⁽¹⁷⁾ Ara l-Opinjoni Nru 5/2018, l-Anness II.

12 It-test rivedut tal-Abbozz ta' Regolament tal-Kunsill ta' Novembru 2020 ippropona metodu alternattiv simplifikat u rfinat għar-riżorsa proprja bbażata fuq il-VAT. Huwa jindirizza l-kritiki tagħna ta' hawn fuq filwaqt li jżomm il-kalkolu aktar sempliċi milli kif inhi taħt is-sistema attwali.

13 Il-kalkolu l-ġdid propost tar-riżorsa proprja bbażata fuq il-VAT isegwi l-istess proċessi bħal dak attwali biex jinkisbu l-bażijiet tal-VAT (ara l-paragrafi 7 u 8). Dawn il-proċessi ġew simplifikati, b'mod partikolari għall-kalkolu tal-bażijiet tal-VAT u l-WAR pluriennali definittiva (ara l-**Kaxxa 1**). Il-kontribuzzjonijiet nazzjonali jinkisbu billi dawn il-bażijiet jiġu mmultiplikati bir-rata ta' ġbir tal-VAT (0,3 % għall-Istati Membri kollha, skont il-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew ta' Lulju 2020) ⁽¹⁸⁾.

14 Biex nivvalutaw il-metodu alternattiv simplifikat u rfinat il-ġdid propost, aħna ffukajna fuq l-aspetti ewlenin li ġejjin:

- (1) Il-kalkolu tad-dħul totali nett mill-VAT u tal-bażijiet tagħha (inklużi korrezzjonijiet u kumpensi),
- (2) Il-kalkolu tal-WAR pluriennali definittiva,
- (3) Is-sottomissjoni tad-dikjarazzjonijiet tal-VAT u l-proċedura ta' rieżaminar, u
- (4) Ir-rappurtar dwar il-funzjonament tar-riżorsa proprja bbażata fuq il-VAT.

Għal kull kwistjoni, se nippreżentaw id-dispożizzjonijiet proposti u l-fehma tagħna dwarhom.

Kalkolu tad-dħul totali nett mill-VAT u tal-bażijiet tagħha

15 Skont il-Kummissjoni, il-korrezzjonijiet u l-kumpensi storikament kellhom impatt negliġibbli fuq l-ammont tar-riżorsa proprja bbażata fuq il-VAT (bejn l-2011 u l-2015, medja ta' 0.5 % tad-dħul mill-VAT għall-korrezzjonijiet u 0.09 % tal-bażijiet tal-VAT għall-kumpensi). Madankollu, il-ġestjoni tagħhom kienet tinvolvi kalkoli kumplessi u kienet tirrikjedi riżorsi sproporzjonati kemm tal-Kummissjoni kif ukoll tal-Istati Membri.

16 Skont l-Artikolu 3 propost tal-Abbozz ta' Regolament tal-Kunsill, il-kumpensi u l-korrezzjonijiet kollha jiġu aboliti, ħlief għal żewġ tipi: dawk relatati mal-kamp ta' applikazzjoni territorjali msemmi fl-Artikoli 6 u 7 tad-Direttiva tal-VAT ⁽¹⁹⁾, u dawk relatati mal-ksur ta' dik id-Direttiva. Dan kien diġà ġie previst fil-proposta tal-Kummissjoni ta' Mejju 2018.

17 Il-korrezzjonijiet u l-kumpensi relatati mal-kamp ta' applikazzjoni territorjali nżammu minħabba dispożizzjonijiet fit-trattati tal-adeżjoni mal-UE ta' xi Stati Membri ⁽²⁰⁾ dwar il-kalkolu tar-riżorsa proprja bbażata fuq il-VAT. Dawn il-korrezzjonijiet u l-kumpensi jsiru prinċipalment minħabba li d-Direttiva tal-VAT ma tapplikax bis-sħiħ fxi territorji tal-UE (eż. il-Gżejjer Kanarji, Ceuta u Melilla, jew il-Gżejjer Åland). Għalhekk, it-tranżazzjonijiet f'dawn it-territorji mhumiex riflessi fid-dħul mill-VAT tal-Istati Membri. Għall-iskopijiet tar-riżorsi proprji, jenħtieġ li tali tranżazzjonijiet jiġu inklużi fil-bażi tal-VAT permezz ta' korrezzjonijiet.

18 Barra minn hekk, il-proposta tal-Kunsill żammet il-kumpensi li jirriżultaw mill-proċeduri ta' ksur. Dawn jiġu kkalkulati f'każijiet fejn, pereżempju, prodott jew servizz speċifiku fi Stat Membru huwa eżentat mill-VAT u l-Kummissjoni tqis li tali eżenzjoni tkun qed tikser id-Direttiva tal-VAT. Fi tmiem l-2019, dawn il-kumpensi kienu japplikaw għal disa' Stati Membri ⁽²¹⁾. Skont il-proposta tal-Kunsill, jenħtieġ li tali aġġustamenti jkomplu jittieħdu inkunsiderazzjoni sabiex l-Istati Membri li jonqsu milli japplikaw il-liġi tal-UE ma jitħallewx jibbenefikaw minn tnaqqis fl-ammont pagabbli ta' riżorsi proprji bbażati fuq il-VAT. Sakemm tingħalaq il-proċedura ta' ksur inkwistjoni, jenħtieġ li d-dikjarazzjoni tal-VAT tal-Istat Membru rilevanti għall-iskopijiet tar-riżorsi proprji tiġi aġġustata kif meħtieġ.

⁽¹⁸⁾ Ara n-Nota 12 fqiegħ il-paġna.

⁽¹⁹⁾ Id-Direttiva tal-Kunsill 2006/112/KE tat-28 ta' Novembru 2006 dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud (ĠU L 347, 11.12.2006, p. 1), kif emendata.

⁽²⁰⁾ Bħala eżempju, l-Artikolu 187 tal-Att dwar il-kundizzjonijiet tal-adeżjoni tar-Renju ta' Spanja u r-Repubblika Portugiża u l-aġġustament għat-Trattati (ĠU L 302, 15.11.1985, p. 23) jistipula li l-ammont ta' dazji rreġistrati taħt ir-riżorsi proprji li jakkumula mit-taxxa fuq il-valur miżjud għandu jkun dovut fl-intier tiegħu mill-1 ta' Jannar 1986. Skont l-istess Artikolu 187, dak l-ammont għandu jiġi kkalkulat u ċċekkjat bħallikieku l-Gżejjer Kanarji u Ceuta u Melilla kienu inklużi fil-kamp ta' applikazzjoni territorjali tas-Sitt Direttiva tal-Kunsill 77/388/KEE tas-17 ta' Mejju 1977 fuq l-armonizzazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri dwar taxxi fuq id-dħul mill-bejgħ — Sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud: bażi uniformi ta' stima.

⁽²¹⁾ Il-Ġermanja, il-Greċja, Franza, l-Italja, Ċipru, l-Ungerija, Malta, l-Awstrija u l-Polonja.

Il-valutazzjoni tagħna tal-kalkolu propost tad-dħul totali nett mill-VAT u tal-bażijiet tagħha

19 Aħna nilqgħu s-simplifikazzjoni proposta għall-korrezzjonijiet u l-kumpensi fid-dħul totali nett mill-VAT u l-bażijiet tagħha, u nqisu li din se tikkontribwixxi għat-tnaqqis tal-piż amministrattiv kemm għall-Kummissjoni kif ukoll għall-Istati Membri, mingħajr ma taffettwa sinifikattivament il-preċiżjoni tal-kontribuzzjonijiet ibbażati fuq il-VAT.

Kalkolu tal-WAR pluriennali definittiva

20 L-Artikolu 4 propost tal-Abbozz ta' Regolament tal-Kunsill jistabbilixxi l-metodu li ġej għall-kalkolu tal-WAR pluriennali definittiva:

- (a) Jenħtieġ li l-WAR tiġi espressa bħala perċentwal ikkalkulat mill-Istat Membru għas-sena finanzjarja 2016 skont id-dispożizzjonijiet attwali;
- (b) Jenħtieġ li l-perċentwal jiġi kkalkulat sar-raba' pożizzjoni deċimali;
- (c) Jenħtieġ li dan ikun ġie spezzjonat mis-servizzi tal-Kummissjoni, u jkun ħieles minn notifiċi dwar kwistjonijiet pendenti relatati ma' korrezzjonijiet jew kumpensi;
- (d) Jekk ikun għad hemm kwistjonijiet pendenti, jenħtieġ li WAR taħt in-notifiċa tintuża fl-interim, u li titqies bħala r-rata medja ponderata pluriennali proviżorja;
- (e) Ladarba l-kwistjonijiet taħt notifiċa jkunu ġew solvuti, jenħtieġ li l-perċentwal li jirriżulta jissostitwixxi l-WAR pluriennali proviżorja, u jenħtieġ li jsir il-WAR pluriennali definittiva mis-sena finanzjarja 2021 'il quddiem;
- (f) Jenħtieġ li l-implikazzjonijiet baġitarji ta' kwalunkwe differenza bejn il-WAR proviżorja u dik definittiva jiġu indirizzati fil-kuntest tal-proċedura annwali ta' reġistrazzjoni ta' bilanċi u aġġustamenti fuq ir-riżorsa proprja bbażata fuq il-VAT.

21 Filwaqt li l-metodu propost biex tinkiseb il-WAR huwa l-istess bħal dak attwali, aħna nosservaw li r-rata miksuba tintuża għal kalkoli pluriennali u hija ffriżata għall-QFP kollu (ara l-**Kaxxa 1**). Is-sena ta' referenza tal-2016 intgħażlet għall-kalkolu tal-WAR pluriennali definittiva, billi dik hija s-sena li għaliha hija disponibbli l-aktar *data* reċenti diġà soġġetta għall-ispezzjonijiet tal-Kummissjoni fl-Istati Membri kollha. Ir-rieżaminar li wettaqna tal-WARs tas-snin preċedenti juri li, filwaqt li x-xejra kumplessiva sena wara sena kienet ġeneralment stabbli, kien hemm xi varjazzjonijiet sinifikanti minn sena għal oħra f'xi Stati Membri. Dan jista' jaffettwa l-preċiżjoni tal-kontribuzzjoni tagħhom ibbażata fuq il-VAT, li ma tkunx tiġi kkoreġuta sa wara t-tmiem tal-perjodu tal-QFP.

Il-valutazzjoni tagħna tal-kalkolu propost tal-WAR pluriennali definittiva

22 Aħna nqisu li l-kalkolu attwali tar-riżorsa proprja bbażata fuq il-VAT jenħtieġ li jiġi simplifikat. Madankollu, jenħtieġ li tali simplifikazzjoni tkun ibbilanċjata mal-ħtieġa li tinżamm preċiżjoni raġonevoli fil-kontribuzzjonijiet tal-Istati Membri.

23 Aħna nilqgħu l-proposta, inkluż il-kalkolu ta' WAR pluriennali definittiva għal kull Stat Membru biex jintuża għall-perjodu kollu tal-QFP. Aħna nosservaw li s-sena ta' referenza magħżula kienet l-2016. Għalkemm nirrikonoxxu r-raġunijiet mogħtija għall-użu ta' sena waħda biex tiġi ddeterminata l-WAR pluriennali definittiva, hemm riskju li s-sena magħżula tista' ma tkunx rappreżentattiva għal xi Stati Membri.

24 Aħna nqisu li hija meħtieġa WAR raġonevolment preċiża fil-metodu simplifikat propost biex jiġi żgurat li kull Stat Membru jagħmel kontribuzzjoni li tirrifletti l-bażi tal-VAT tiegħu b'mod xieraq. Skont il-metodu propost, jekk Stat Membru jintroduċi bidla sinifikanti fir-rati tal-VAT tiegħu, il-WAR użata biex jiġi ddeterminat l-ammont tar-riżorsa proprja bbażata fuq il-VAT ma tkunx tiegħu inkunsiderazzjoni dawn ir-rati riveduti. B'riżultat ta' dan, il-bażi tal-VAT ma tkunx tirrifletti b'mod preċiż il-valur aggregat tat-tranżazzjonijiet taxxabbli kollha, u l-ammont tal-kontribuzzjoni nazzjonali kkalkulat ma jkunx jirrifletti l-politika l-ġdida tal-VAT tal-Istat Membru.

25 Sabiex jittaffa dan ir-riskju, jenħtieġ li l-Kunsill iqis il-possibbiltà li jintroduċi, fil-proposta tiegħu, mekkaniżmu għar-rieżaminar tal-WAR pluriennali definittiva u potenzjalment il-kalkolu mill-ġdid tagħha, għal dawk l-Istati Membri li l-kontribuzzjoni tagħhom ibbażata fuq il-VAT tkun affettwata sinifikattivament mill-użu tagħha minflok il-WAR reali.

26 Jenħtieġ li tali mekkaniżmu jiġi skattat minn ċerti bidliet importanti (li jistgħu jiġu identifikati minn indikaturi bħal bidliet sinifikanti fir-rati tal-VAT u/jew tranżazzjonijiet taxxabbli, u/jew fid-dħul mill-VAT). Jekk il-WAR reali kkalkolata mill-ġdid tvarja mill-WAR pluriennali definittiva b'aktar minn ċertu soll ta' materjalità predeterminat, jenħtieġ li dik tal-ewwel tissostitwixxi lil dik tal-aħħar.

27 Huwa mistenni li dan il-mekkaniżmu jservi ta' prevenzjoni tad-distorsjonijiet tal-kontribuzzjonijiet ibbażati fuq il-VAT matul il-perjodu tal-QFP li jirriżultaw minn bidliet sinifikanti fil-politiki tal-VAT tal-Istati Membri. Jenħtieġ li l-Kummissjoni tadotta atti ta' implimentazzjoni li jipprovdu aktar dettall dwar il-proċeduri għall-applikazzjoni ta' dan il-mekkaniżmu.

Sottomissjoni tad-dikjarazzjonijiet tal-VAT u l-proċedura ta' rieżaminar

28 L-Artikolu 7 tal-abbozz ta' Regolament tal-Kunsill propost iżomm l-istess data ta' skadenza bħal fis-sistema attwali (il-31 ta' Lulju ta' kull sena) għall-Istati Membri biex jippreżentaw id-dikjarazzjonijiet tal-VAT tagħhom, inklużi l-bażijiet tal-VAT tagħhom għas-sena preċedenti u l-bażijiet riveduti għas-snin preċedenti. Huwa jipprevedi wkoll il-possibbiltà li din id-data ta' skadenza tiġi estiża f'każijiet fejn l-Istati Membri ma jkunux jistgħu jaderixxu magħha minħabba ċirkostanzi eċċezzjonali lil hinn mill-kontroll tagħhom.

29 L-Artikolu 9 propost jintroduċi proċedura għal każijiet fejn il-Kummissjoni ma taqbilx mal-korrezzjonijiet tal-Istati Membri kif irrappurtati fid-dikjarazzjonijiet tal-VAT tagħhom (ara l-paragrafi **15** sa **18**). Tali nuqqas ta' qbil jiġi espress fittra formali mingħand il-Kummissjoni.

30 Skont din il-proċedura, l-Istat Membru kkonċernat jista' jitlob lill-Kummissjoni biex tirieżamina l-korrezzjoni kkonċernata fi żmien xahrejn mid-data tal-ittra msemmija hawn fuq. Jenħtieġ li r-rieżami jikkonkludi b'deċiżjoni tal-Kummissjoni, li għandha tiġi adottata fi żmien tliet xhur minn meta tkun waslet it-talba tal-Istat Membru. Jenħtieġ li l-korrezzjonijiet li jirriżultaw minn din il-proċedura jittieħdu inkunsiderazzjoni fid-dikjarazzjonijiet futuri tal-VAT.

31 La l-proċedura ta' rieżaminar u lanqas l-azzjoni legali meħuda minn Stat Membru biex tiġi annullata d-deċiżjoni tal-Kummissjoni ma jaffettwaw l-obbligu ta' dak il-pajjiż li jagħmel disponibbli, sad-data ta' skadenza statutorja, l-ammont tar-riżorsi proprji bbażati fuq il-VAT li jikkorrispondi għall-korrezzjonijiet.

Il-valutazzjoni tagħna tal-proposta rigward is-sottomissjoni tad-dikjarazzjonijiet tal-VAT u l-proċedura ta' rieżaminar

32 Aħna nieħdu nota taż-żieda ta' dispożizzjoni biex tiġi estiża d-data ta' skadenza għas-sottomissjoni tad-dikjarazzjonijiet tal-VAT f'każijiet fejn l-Istati Membri ma jkunux jistgħu jaderixxu magħha minħabba ċirkostanzi eċċezzjonali lil hinn mill-kontroll tagħhom.

33 Aħna nosservaw l-introduzzjoni ta' proċedura ta' rieżaminar biex jiġu ttrattati każijiet fejn il-Kummissjoni ma taqbilx mal-korrezzjonijiet tal-Istati Membri kif irrappurtati fid-dikjarazzjonijiet tal-VAT tagħhom. Din il-proċedura tinvolvi lill-Kummissjoni li tirieżamina l-korrezzjonijiet u tadotta deċiżjoni fi żmien tliet xhur minn meta tkun waslet it-talba tal-Istat Membru. Din id-deċiżjoni tista' tkun soġġetta għal rikors għal annullament mill-Istat Membru.

34 Din il-proċedura l-ġdida ta' rieżami tista' tagħti lill-Istati Membri possibbiltà addizzjonali li jibdeu proċedimenti quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea kontra d-deċiżjoni tal-Kummissjoni li tikkonkludi l-proċedura ta' rieżaminar. Madankollu din tista' żżid ukoll piż konsiderevoli fuq il-ġestjoni, min-naħa tal-Kummissjoni, tar-riżorsa proprja bbażata fuq il-VAT.

Rappurtar dwar il-funzjonament tas-sistema tar-riżorsi proprji bbażati fuq il-VAT

35 L-Artikolu 13(a) il-ġdid propost tal-Abbozz ta' Regolament tal-Kunsill jobbliga lill-Kummissjoni biex tipproduċi rapport dwar il-funzjonament tas-sistema tar-riżorsi proprji bbażati fuq il-VAT sa mhux aktar tard mill-1 ta' Janjar 2025.

36 Dan ir-rapport għandu jindika l-għadd ta' Stati Membri li għadhom japplikaw WAR li hija suġġetta għal kwalunkwe notifika dwar kwistjonijiet pendenti (ara l-paragrafi **20 (d) u (e)**), u kwalunkwe bidla fir-rati nazzjonali tal-VAT. Barra minn hekk, jenħtieġ li r-rapport jinkludi valutazzjoni dwar jekk is-sistema tar-riżorsi proprji bbażati fuq il-VAT u, b'mod partikolari l-WAR pluriennali definittiva, humiex effettivi u adegwati. B'dan ir-rapport, jenħtieġ li l-Kummissjoni tipp-roponi wkoll modifiki għall-WAR pluriennali definittiva abbażi ta' data aktar reċenti.

Il-valutazzjoni tagħna tal-proposta rigward ir-rappurtar dwar il-funzjonament tas-sistema tar-riżorsi proprji bbażati fuq il-VAT

37 Aħna nilqgħu l-introduzzjoni ta' dan l-obbligu għall-Kummissjoni li tirrapporta, qabel tmiem il-QFP, dwar l-effettività u l-adegwatezza tas-sistema tar-riżorsi proprji bbażati fuq il-VAT, u l-possibbiltà li l-WAR tiġi riveduta.

38 Meta twettaq il-valutazzjoni tagħha għar-rapport, il-Kummissjoni tista' tapplika wkoll il-proċedura proposta tagħna biex tiddetermina jekk il-mekkaniżmu ta' rieżaminar jeħtieġ li jiġi attiv (ara l-paragrafi **22** sa **27**). Dan ikun jinvolvi l-evalwazzjoni tal-indikaturi użati għall-monitoraġġ tal-eventi skattaturi, il-kalkolu mill-ġdid tal-WAR reali u, fejn meħtieġ, il-modifika tal-WAR pluriennali definittiva għal dawk l-Istati Membri li l-kontribuzzjoni tagħhom ibbażata fuq il-VAT tkun affettwata sinifikattivament mill-użu tagħha minflok il-WAR reali.

39 L-**Anness** jinkludi emendi ssuġġeriti għal ċerti dispożizzjonijiet tal-Abbozz ta' Regolament tal-Kunsill propost. Huma jikkonċernaw il-kwistjonijiet deskritti hawn fuq u xi suġġerimenti editorjali minuri addizzjonali.

KONKLUŻJONI

40 Fgħadd ta' okkażjonijiet, aħna rrapportajna dwar il-kumplessità tal-kalkolu tar-riżorsa proprja bbażata fuq il-VAT. Fl-Opinjoni Nru 5/2018 tagħna, aħna rrikonoxxejna li l-proposta tal-Kummissjoni ta' Mejju 2018 kienet tinkludi kalkolu sempliċi, iżda sibna li s-suppożizzjonijiet li ntużaw għall-kalkolu tal-kontribuzzjonijiet simplifikati u bbażati fuq il-VAT ma kinux aderixxu ma' xi wħud mill-istadji tal-kalkolu tal-metodoloġija deskritta fil-proposta.

41 F'Novembru 2020, il-Kunsill ippropona metodu alternattiv simplifikat u rfinat għall-kalkolu tar-riżorsa proprja bbażata fuq il-VAT. Il-proposta telimina l-biċċa l-kbira tal-korrezzjonijiet u l-kumpensi, kif diġà previst fil-proposta tal-Kummissjoni f'Mejju 2018, u tintroduċi l-użu ta' WAR pluriennali definittiva.

42 Aħna nilqgħu l-proposta tal-Kunsill, li tissimplifika sinifikattivament il-kalkolu attwali tal-kontribuzzjonijiet tal-Istati Membri bbażati fuq il-VAT. Madankollu, aħna identifikajna r-riskju li l-WAR pluriennali definittiva (iffriżata bil-valur tagħha tal-2016) tista' ma tkunx rappreżentattiva għal ċerti Istati Membri fxi snin (futuri). Konsegwentement, jista' jkun li din ma tiżgurax li l-kalkolu tal-bażijiet tal-VAT tal-Istati Membri u l-kontribuzzjonijiet relatati ta' dawn tal-aħħar ikunu raġonevolment preċiżi.

43 Fl-opinjoni tagħna, biex isir titjib fil-proposta attwali, jenħtieġ li titqies il-possibbiltà ta' mekkaniżmu għar-rieżaminar tal-WAR pluriennali ffriżata, bil-ħsieb ta' kalkolu mill-ġdid, għal dawk l-Istati Membri li l-kontribuzzjoni tagħhom ibbażata fuq il-VAT tkun affettwata sinifikattivament mill-użu tagħha minflok tal-WAR reali. Huwa mistenni li dan il-mekkaniżmu jservi ta' prevenzjoni tad-distorsjonijiet tal-kontribuzzjonijiet ibbażati fuq il-VAT matul il-perjodu tal-QFP li jirriżultaw minn bidliet sinifikanti fil-politiki tal-VAT tal-Istati Membri.

Din l-Opinjoni ġiet adottata mill-Qorti tal-Awdituri fil-Lussemburgu fit-8 ta' Diċembru 2020.

Għall-Qorti tal-Awdituri

Klaus-Heiner LEHNE

Il-President

ANNEX

L-emendi ssuġġeriti tagħna għall-Abbozz ta' Regolament tal-Kunsill propost dwar ir-riżorsa proprja bbażata fuq il-VAT

L-Abbozz ta' Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) li jemenda r-Regolament (KEE, Euratom) Nru 1553/89 tad-29 ta' Mejju 1989 dwar l-arranġamenti uniformi definittivi għall-ġbir ta' riżorsi proprji li jakkumulaw mit-taxxa tal-valur miżjud (id-dokument 12 771/20, il-fajl interistituzzjonali 2018/0133 (NLE))

Referenza għad-dispożizzjonijiet proposti	Suġġeriment / bidla proposta mill-QEA	Kummenti
Artikolu 4	Jenħtieġ li titqies il-possibbiltà ta' mekkaniżmu għar-rieżaminar tal-WAR pluriennali definittiva bħala prevenzjoni tad-distorsjonijiet tal-kontribuzzjonijiet ibbażati fuq il-VAT matul il-perjodu tal-QFP li jirriżultaw minn bidliet sinifikanti fil-politiki tal-VAT tal-Istati Membri.	Ara l-paragrafi 22 sa 27 għal aktar dettalji.
Artikolu 9(1)	Qabel l-aħħar sentenza tat-tieni paragrafu, jenħtieġ li tiżdied is-sentenza li ġejja: "Jenħtieġ li l-korrezzjoni msemmija fl-ittra tal-Kummissjoni tiġi nkluża fid-dikjarazzjoni tal-VAT li ġejja."	Nixtiequ niċċaraw li, f'każ ta' nuqqas ta' qbil bejn il-Kummissjoni u l-Istat Membru, jenħtieġ li l-ammont tal-korrezzjoni kkomunikat mill-Kummissjoni lill-Istat Membru jitqies għall-kalkolu tar-riżorsa proprja bbażata fuq il-VAT. Jenħtieġ li dan jiġi inkluż mingħajr dewmien fid-dikjarazzjoni tal-VAT segwenti tal-Istat Membru, u jinżamm bħala tali sakemm jiġi solvut in-nuqqas ta' qbil.
Artikolu 10(1)	Jenħtieġ li tinżied ir-referenza għall-"Artikolu 3(2)c".	Għall-kompletezza, aħna nipproponu li ssir referenza wkoll għall-korrezzjonijiet u l-kumpensi relatati ma' ksur (ara l-paragrafi 16 u 18).
Artikolu 11(2)	Jenħtieġ li titħassar ir-referenza għall-"Artikolu 4(3)".	Minħabba li l-Artikolu 4 propost fih biss żewġ paragrafi u l-kalkolu tal-WAR huwa deskritt fid-dettall fl-Artikolu 4(2) propost, ir-referenza għall-Artikolu 4(3) mhijiex meħtieġa.
Artikolu 13a	Jenħtieġ li din id-dispożizzjoni tiġi riveduta sabiex issemmi li r-rapport jinkludi valutazzjoni tal-effettività tal-proċess ta' rieżaminar, kif ukoll azzjonijiet biex għat-titjib tal-applikazzjoni futura tiegħu.	Ara l-paragrafu 38 għal aktar dettalji.